MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 587/2011

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Susanne Muscat, sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Susanne Muscat (ID-237469M)**

**vs**

**Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u Kunsill Lokali Mosta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu lhlas tas-somma ta' mitejn u disgha u tmenin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€289.77c) (dok. A), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti d-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-incident tat-23 ta' Frar, 2010, fi Triq id-Difiza Civili, Mosta, meta l-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni ABS 958 misjuqa minn u proprjeta' ta' Susanne Muscat u assikurata ma' Atlas Insurance PCC Limited soffriet hsarat konsegwenza ta' *pot hole* illi kienet tinsab fl-istess triq (Dok. B) u dan stante illi l-istess incident sehh unikament b'tort tal-intimati, jew min minnhom, minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligi legali taghhom, jew min minnhom. Dan l-ammont huwa dovut in kwantu ghas-somma ta' mija u hmistax-il Ewro (€115) lir-rikorrenti Susanne Muscat rapprezentanti *excess payment* minnha mhallsa in konnessjoni ma' dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' mija u erbgha u sebghin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€174.77c) rapprezentanti d-danni kollha illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited abbazi ta' polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u skond il-ligi.

Din is-somma baqghet ma thallsitx minkejja li l-intimati gew interpellati jaghmlu dan u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Fl-imkien ma' din is-somma l-intimati, jew min minnhom, ghandhom jigu ikkundannati jhallsu l-ispejjez legali kollha, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Mejju 2010 (Dok. C) ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-intimati u l-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha.

Ra r-risposta tal-konvenut Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, li permezz taghha eccepixxa illi t-talba tal-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi. Illi l-Ministru konvenut mhuwiex legittimu kontradittur biex jirrispondi ghat-talbiet vantati mill-atturi f'dan l-avviz. Illi l-Ministru konvenut m'ghandux il-manzjoni legali sabiex jiehu hsieb it-toroq peress illi l-manzjoni qieghda f'idejn terzi. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident in kwistjoni sehh esklussivament minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku minhabba l-attrici li ghandha tinzamm totalment u unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Illi minghajr pregudizzju, t-toroq huma mizmuma f'kundizzjoni

tajba u l-attrici ghandha tipprova nexus bejn l-incident u d-danni li tali attrici qed tallega li sofriet.

Ra r-risposta tal-Awtorita’ konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi in linea preliminari, l-Awtorita’ konvenuta mhiex il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi l-Awtorita’ konvenuta mhiex l-entita’ responsabbli ghall-manutenzjoni tat-triq fejn sehh l-allegat incident u dana peress illi dina mhiex triq arterjali jew distributorja. Illi effettivament l-Awtorita’ konvenuta kienet diga infurmat lill-atturi bis-suespost permezz ta’ ittra ufficjali responsiva datata 28 ta’ Mejju 2010 u notifikata fit-2 ta’ Gunju 2010 (kif jidher mill-kopja ta’ dina l-ittra ufficjali u tar-riferta relattiva hawn annessa u mmarkata bhala Dok TM1). Ghalhekk, l-istess Awtorita’ konvenuta m’ghandha tbati ebda spejjez. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tal-atturi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali responsiva datata 28 ta’ Mejju 2010, kontra l-atturi li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-Kunsill konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi fil-konfront tal-Kunsill konvenut u l-fatt li naqas li jidher rapprezentant tal-Kunsill konvenut sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata fil-konfront tal-Kunsill konvenut, jilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-Ministeru konvenut u l-Awtorita’ konvenuta, u t-Tribunal jilqa’ t-talba tal-atturi limitatament fil-konfront tal-Kunsill konvenut u jikkundanna lill-istess Kunsill konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn disgha u tmenin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€289.77c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez, inkluz tal-Ministeru konvenut u l-Awtorita’ konvenuta, jkunu a karigu tal-Kunsill konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------